MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2011

Numru 1543/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**VS**
**KAREN GRECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Karen Grech ta’ 20 sena, imwielda Pieta`, nhar it-2 ta’ Frar, 1988, bint Mary Grace El Desouki, residenti 33, Triq San Mikiel, Bormla u detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 77588(M);

Illi hija akkuzata talli gewwa Bormla u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, fl-1 ta’ April 2007 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

Illi abbandunat jew halliet espost fifel tat-twelid u cioe` lil Haydon Grech, tifel ta' ftit sieghat;

Illi meta kellha r-responsabbilita` ta' tifel ta' taht it-tnax il-sena u b'atti persistenti ta' ghemil jew ta' nuqqas ta' ghemil, haqret lit-tifel gew gieghelet jew ippermettiet il-mohqrija tat-tifel b'mezzi simili

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (Dok.LC a fol. 22) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata fil-verbal datat 15 ta' Frar 2011;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni ta' l- 1 ta Marzu, 2011, wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il- kawza si tratta ta' abbandun ta' tarbija ta' twelid minn ommu, l- imputata, hekk kif welditu. Din it- tarbija giet misjuba minn terzi u moghtija l- protezzjoni li kien jehtigilha f' qasir zmien, waqt li kontra l- imputata ittiehu l-proceduri necessarji fis- sens li t- tarbija tqieghedet taht Ordni ta' Harsien.

L- imputata irrikoverat mill-wield u inghatat u accettat li tinghata l- kura li kien jehtiegilha. L- imputata giet sorveljata mill- qrib minn social workers, u ipprogressat tant, li f' qasir zmien, it- tarbija regghet giet fdata fil- kura taghha u tnehhiet addirittura l' Ordni ta' Harsien fuq din it-tarbija.

Illi fuq l-istess ammissjoni taghha, l-Qorti ssib lill-imputata **Karen Grech** hatja skond l-akkuza u wara li rat Artikoli

246 u 247 A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta u Artiklu 7 tal- Kap 446, tqieghed lil imputata taht Ordni ta’ Probation ghal- perjodu ta’ sentejn taht is- sorveljanza tad- Direttur tal- Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din l- piena qed tigi akkordata in vista ta’ l- eta’ giovanili ta’ l- imputata l- ammissjoni taghha u l- fatt li ghandha fedina penali nadifa u nvista tal- ko- operazzjoni pjena da parti ta’ l- imputata ghar- riabilitazzjoni genwina taghha.

Il- Qorti tordna li l- Probation Officer adett ma l- imputata jhejji rapport lill- Qorti kull sitt (6) xhur biex izomm lill- Qorti aggiornata fuq il- progress o meno ta’ l- imputata.

Il- Qorti tordna li din is- Sentenza tigi notifikat lid- Direttur tal- Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------